**26 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Dalli et.

*versus*

Michael Attard

**Rexissjoni — Dolo — Żball — Provi — Nomina ta' Perit — Appell.**

*F'kawża fejn tintalab ir-rexissjoni ta' kuntratt ta' transazzjoni minħabba dolo jew żball, u li tkun tinvolvi azjenda kummerċjali, ma jistgħax jiġi raġjonevolment negat illi l-valutazzjoni tal-azjenda "de qua" tista', fiċ-ċirkustanzi kongruwi, tkun element mhux traskurabbli relattivament għall-kawżali ta' vjolenza u dolo, jew tal-iżball li fih hu allegat li ġie ndott min jaġixxi għar-rexissjoni. L-element tal-valur veru tal-azjenda jista' jinfluwixxi sensibbilment fl-indaġini tal-allegat aġir dolus, u jista', bla preġudizzju ta' kull kwistjoni oħra, ikun fattur ta' importanza fil-kawżali tal-vjolenza u tad-dolo u tal-iżball konsegwenti.*

*Għaldaqstant, mhix ċensurabbli n-nomina ta' perit mill-Ewwel Qorti biex jistma l-valur tal-azjenda "de qua" f'kawża simili; u dan apparti milli l-Qorti tal-Appell, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, mhix solita timmiskja ruħha fl-eżerċizzju tad-diskrettiva tal-Ewwel Qorti fl-ordinament tal-provi. F'kawża simili, mhux talli ma hemmx raġunijiet kuntrarji għan-nomina ta' perit, imma anki dik in-nomina tidher "prima facie" opportuna.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors preżentat fil-15 ta' Jannar 1960, quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla (fol. 36), li bih l-atturi talbu li tiġi nominata persuna esperta biex tagħmel il-valutazzjoni tal-azjenda ta' Michael Attard u ta' dak kollu li din l-azjenda kienet tippossjedi;

Rat id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili

Prim'Awla fil-25 ta' April 1961 jiġi revokat, billi jiġi minn laqgħet it-talba tal-atturi, billi nnominat lil Paul Busuttil, F.M.I.A., C.E.T.D., S.F.A.I., biex jagħmel il-valutazzjoni tal-azjenda ta' Michele Attard u ta' dak kollu li din l-azjenda kienet tippossjedi; u dan bi spejjeż provviżorjament tal-atturi; spejjeż riżervati;

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-27 ta' April 1961, li bih dan talab illi d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-25 ta' April 1961 jiġi revokat billi jiġi minn din il-Qorti dikjarat li ma hemmx lok għall-valutazzjoni mitluba mill-atturi; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kawżali taċ ċitazzjoni, jew aħjar tal-annullament u rexissjoni tal-kuntratt riċevut minn Nutar Joseph Raymond Grech fis-27 ta' Marzu 1957 hu dupliċi, (a) vjolenza u dolo da parti tal-konvenut, u żball da parti tal-atturi, (b) u l-leżjoni "ultra quartum";

Illi, kwantu għall-allegata leżjoni, il-konvenut, fost deduzzjonijiet oħra, qiegħed anki jsostni li l-veru karattru tal-att impunjat kien mhux ta' diviżjoni, iżda ta' transazzjoni, u għalhekk ir-rimedju tal-leżjoni, ankorkè "ex hypothesi" kien hemm leżjoni, ma hux operattiv. Għalhekk, ikompli jargumenta l-konvenut, in-nomina magħmula bid-digriet tal-25 ta' April 1961 hi preġudizzjevoli in kwantu virtwalment tipprexxindi minn din il-kwistjoni;

Illi, però, ma jistgħax jiġi raġjonevolment negat li l-valutazzjoni tal-azjenda "de qua" tista', fiċ-ċirkustanzi kongruwi tkun element m'hux traskurabbli relativament għall-kawżali l-oħra ta' vjolenza u dolo u tal-iżball li fih, kif qed jiġi allegat, ġew indotti l-atturi. Infatti, kif jidher mid-dikjarazzjoni fol. 3 tergo, l-atturi qegħdin jippretendu li l-azjenda kienet tiswa mhux £20.000 kif hemm fil-kuntratt impunjat, imma 'l fuq mid-doppju ta' dik is-somma. Issa, l-irriżorjetà tal-valur tal-oġġett in kontrattazzjoni hi ċertament fattur

rilevanti, almenu fir-riċerka tad-dolo; anki għaliex tista' tikkomprova r-rekwiżit tal-liġi li l-artifizi adoperati jkunu tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta bil-mod li bih ikkuntrattat, kif f'dan il-każ jista', "ex hypothesi", jingħad li l-atturi ma kienux jaddivjenu għall-kuntratt "de quo" fuq il-bażi tal-valur ta' £20,000, kieku ma nkorrewx fi żball minħabba d-dolo minnhom allegat. "La frode", jgħid il-Laurent, Vol. XV, para. 523, "assume, come Proteo, mille ed una forma. E' una quistione di fatto". U l-element tal-valur veru tal-azjenda jista' jinfluwixxi sensibbilment fl-indaġini tal-allegat aġir dolus, salvi kwistjonijiet u aspetti oħra. Ċert hu li ma jista' bl-ebda mod jiġi eskluż "a priori" li l-aċċertament tal-valur tal-azjenda jista', bla preġudizzju ta' kull kwistjoni oħra, ikun fattur ta' importanza fil-kawżali tal-vjolenza u tad-dolo u tal-iżball konsegwenti;

Barra minn hekk, għandu jiġi wkoll osservat li din il-Qorti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, mhix soltu timmiskja ruħha fl-eżerċizzju tad-diskrettiva tal-Ewwel Qorti fl-ordinament tal-provi (Kollez. Vol. XXIV-I-104); u f'dan il-każ, mhux talli ma hemmx raġunijiet in kuntrarju, imma anzi, kif ġie rilevat, in-nomina tidher "prima facie" opportuna;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma d-digriet appellat; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.